



Dokument ta' sessjoni

A8-0163/2016

29.4.2016

RAPPORT

dwar it-tiŝiħ tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni futura tal-farms Ewropej
(2015/2227(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Jan Huitema

WERREJ

	Pàġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
NOTA SPJEGATTIVA.....	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	20
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	24

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-tisħiħ tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni futura tal-farms Ewropej (2015/2227(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005,
- Wara li kkunsidra l-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp, li saret min-NU, il-FAO, il-GEF, il-UNDP, il-UNEP, il-UNESCO, il-Bank Dinji u d-WHO,
- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iffirmit fl-14 ta' Lulju 2014,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar id-defiċit ta' proteini fl-UE: x'soluzzjoni hemm għal problema li ilha teżisti?¹,
- Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2012 dwar "European Innovation Partnership 'Agricultural productivity and sustainability'" (is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibilità Agrikola") (2012/C193/01),
- Wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar il-privattivi u d-drittijiet ta' min inissel il-pjanti²,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0084.

² Testi adottati, P8_TA(2015)0473.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0163/2016),
- A. billi l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-FAO) tikkalkula li ż-żieda mistennija fil-popolazzjoni dinjija għal 9,1 biljuni sal-2050 se teħtieġ, fix-xenarju ta' żamma tal-istatus quo, żieda ta' 60 % fil-provvista tal-ikel li għandha tkun sikura u ta' kwalità għolja u żieda ta' 24 % fir-rendiment tal-uċuħ tar-raba' fil-pajjiżi żviluppati sa dik id-data, filwaqt li r-riżorsi jiġu ppreservati għall-ġenerazzjonijiet futuri u jiġu pprevenuti l-ħela u t-telf tal-ikel, li bħalissa jammontaw għal aktar minn terz tal-produzzjoni globali; billi l-FAO tistma wkoll li se jkun hemm biss żieda ta' 4,3 % fir-raba' sal-2050, li se teħtieġ ġestjoni aħjar tar-riżorsi naturali fil-għieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija fost kwistjonijiet oħra;
- B. billi l-art kullimkien qed tiffaċċja tnaqqis fil-produttività u l-fertilità intrinseki kkawżat mid-degradazzjoni tal-art, speċjalment l-erożjoni tal-ħamrija, minħabba t-telf tal-funzjonijiet tal-ekosistema bħalma huma l-formazzjoni tal-ħamrija tal-wiċċ, l-umifikazzjoni, id-dakkir, iż-żamma tal-ilma u ċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti; billi hemm kunsens wiesa' li biex dan jiġi riżolt u tinżamm u tittejjeb il-produttività, għandna bżonn inżidu b'mod innovattiv it-tweqqif ta' tali funzjonijiet tal-ekosistemi bil-għan li tiġi żgurata r-reżiljenza kontra t-tibdil fil-klima;
- C. billi skont in-NU, jekk għandhom jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (GħŻS), il-produttività agrikola se jkollha tirdoppja sal-2030, filwaqt li, fl-istess ħin, is-settur agroalimentari se jkollu jadatta għat-tibdil fil-klima u għal kundizzjonijiet tat-temp li jinbidlu, kif ukoll itejjeb il-kwalità tal-ekosistemi u tal-ħamrija u jimminimizza t-telf tal-bijodiversità; billi, bil-għan li dan jirnexxi, għandha tingħata prijorità lill-użu ta' preparazzjonijiet mikrobijoloġiċi li jżidu l-ħajja tal-ħamrija; billi erbgħa mit-tmien Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU (MDGs) huma marbuta mal-agricoltura;
- D. billi t-tkabbir tal-popolazzjoni, dħul medju oġhla u l-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi se jwasslu għal preferenzi dijetetiċi riveduti, u se jirriżultaw b'mod partikolari f'domanda oġhla għall-ikel ipproċessat u għall-proteini tal-annimali bħalma huma l-laħam u l-prodotti tal-ħalib;
- E. billi l-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema agrikoli u tal-komunitajiet rurali għandha tittejjeb;
- F. billi fuq l-isfond tal-ħafna sfidi u l-għadd dejjem jikber ta' regoli li l-bdiewa jridu jħabbtu wiċċhom magħhom, u l-fatt li r-riżorsi ta' teknoloġija agrikola naqsu u r-rata ta' tkabbir ta' żoni ta' art saqwija majnat konsiderevolment, il-konsumaturi tal-UE qatt ma nefqu fuq l-ikel perċentwal daqstant baxx mid-dħul tagħhom, kif qed jagħmlu bħalissa; billi t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku attwali rriżulta f'livelli oġhla ta' faqar, li spiss iġiegħlu lill-konsumaturi tal-UE jirrikorru għall-assistenza mingħand il-banek tal-ikel;
- G. billi l-FAO tinnota fil-pubblikazzjoni prinċipali tagħha "The State of Food and Agriculture" ("L-Istat tal-Ikel u l-Agricoltura") li n-nisa jagħtu kontributi sinifikanti lill-ekonomija rurali fir-reġjuni kollha u r-rwoli tagħhom iwarjaw minn reġjun għall-ieħor, avolja xorta għad għandhom inqas aċċess mill-irġiel għar-riżorsi u l-opportunitajiet li jeħtieġu biex ikunu aktar produttivi;

- H. billi l-konsumaturi qed jitolbu bi dritt produzzjoni tal-ikel bi standards u valuri ambjentali, nutrittivi u tas-saħħa ogħla u ta' kwalità dejjem aqwa, filwaqt li fl-istess ħin is-settur agrikolu jeħtieġ li jiddiversifika u jkun innovattiv biex jipprovdi ikel ta' kwalità, sikur u bi prezz affordabbli għaċ-ċittadini kollha u jiżgura dħul diċenti u vijabbli għall-produtturi tiegħu;
- I. billi l-produzzjoni tal-azjendi agrikoli jeħtieġ li tiżdied u tittejjeb b'anqas riżorsi minħabba l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali u l-effetti assoċjati tagħha fuq il-bijodiversità, il-vulnerabilità tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-iskarsezza tal-art, flimkien maż-żieda fil-popolazzjoni u t-tibdil fl-imgħiba tal-konsumaturi; jinsisti li l-agrikoltura innovattiva għandha tipprovdi impronta ekoloġika iżgħar u tagħmel l-aħjar użu tal-proċessi naturali u tas-servizzi tal-ekosistemi inklużi l-enerġija rinnovabbli u konsum akbar ta' prodotti agroalimentari lokali;
- J. billi, mudell ta' agrikoltura aktar produttiv u effiċjenti fir-riżorsi li jkun aktar kapaċi jottimizza l-prodotti tagħha huwa essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sostenibilità għall-azjendi agrikoli kollha, ikun x'ikun id-daqs tagħhom, u biex dawn jiġu mgħammra aħjar biex jippreservaw ir-riżorsi naturali u l-ambjent;
- K. billi l-iżvilupp ta' mudelli aktar sostenibbli ta' agrikoltura maħsub mhux biss biex jipprovdi l-ikel għan-nies iżda wkoll biex jipproduċi oġġetti u servizzi mhux tal-ikel jirrappreżenta potenzjal sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi f'kull reġjun, mhux biss fis-settur alimentari (tal-bnedmin u tal-annimali) iżda wkoll fis-settur tal-bijoekonomija, f'dak tal-kimika ekoloġika, f'dak tal-enerġija rinnovabbli u f'dak tat-turiżmu, eċċ.; billi dawn huma wkoll spiss ħafna impjiegi li ma jistgħux jiġu rilokati;
- L. billi l-UE hija l-akbar esportatriċi ta' prodotti agrikoli fid-dinja, li jagħmel lis-settur agroalimentari wieħed mill-pilastru ekonomiċi ewlenin tal-Unjoni li jimpjega 47 miljun ruħ fi 15-il miljun intrapriża "downstream" f'oqsma bħalma huma l-ipproċessar tal-ikel, il-bejgħ bl-imnut u s-servizzi, u li jikkontribwixxi għal bilanċ kummerċjali pożittiv ta' EUR 17 802 miljun li jirrappreżentaw 7,2 % tal-valur totali tal-esportazzjonijiet tal-UE;
- M. billi l-kompetittività u s-sostenibilità tal-PAK kienu prijoritajiet ewlenin tar-riforma tal-PAK tal-2013; billi s-salvagwardja ta' provvisti tal-ikel sikuri permezz ta' żieda fil-produttività tal-agrikoltura sostenibbli u tal-iżgurar ta' prezzijiet raġonevoli u ġusti għall-bdiewa u l-konsumaturi, kif imsemmi fl-Artikolu 39 tat-TFUE, tista' tirnexxi bl-aħjar mod, inter alia, permezz tal-innovazzjoni; itenni li l-agrikoltura sostenibbli u innovattiva, li tipproduċi prodotti ta' kwalità għolja, tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu bosta għanijiet ta' politika orizzontali tat-TFUE relatati mal-ambjent u s-saħħa; billi l-kompetittività fil-ġejjieni tiddependi, fost affarijiet oħra, mill-produttività u l-fertilità intrinseki pprovdu minn proċessi u riżorsi naturali;
- N. billi l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), iffirmit fl-14 ta' Lulju 2014, b'mod espliċitu jħeġġeġ aktar investimenti f'agrikoltura innovattiva, filwaqt li jipprovdi l-istrumenti finanzjarji biex jitravwem it-teħid tal-investimenti fl-agrikoltura u jinkludi proposta mill-Kummissjoni intiża biex tappoġġja u tespandi l-għodod finanzjarji fis-settur tal-biedja bil-għan li jiġu miġġielda l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet;
- O. billi s-settur agrikolu kien soġġett għal ċikli frekwenti ta' bidla bil-ħsieb li tittejjeb il-

produttività; billi dawn iċ-ċikli kkontribwew b'mod sinifikanti għall-iżvilupp ekonomiku tal-agrikoltura sal-livell attwali tiegħu; billi l-inkorporazzjoni tat-teknoloġiji l-aktar riċenti u l-adattament u l-invenzjoni mill-ġdid ta' dawk eżistenti inklużi l-approċċi organiċi u agroekoloġiċi fil-prattiki tal-biedja se jgħibu magħhom benefiċċji sinifikanti għal kull daqs ta' azjendi agrikoli; billi l-akkwakultura għandha potenzjal li mhuwiex esplorat biżżejjed għall-introduzzjoni tal-innovazzjoni fil-prattiki agrikoli tradizzjonali permezz tal-isfruttament tar-riżorsi naturali tal-baħar u tal-oċeani b'mod sostenibbli;

- P. billi f'xi Stati Membri, għal diversi raġunijiet strutturali, żoni kbar ta' art agrikola abbandunata jibqgħu jkunu mhux użati;
1. Jinnota li l-agrikoltura dejjem żviluppat Prattiki, tekniki u metodi ta' produzzjoni ġodda li żiedu l-produzzjoni, tejbu l-adattabilità tal-prattiki tal-biedja għal ċirkostanzi ġodda u li jinbidlu u naqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni; jinnota wkoll li l-agrikoltura u l-forestrija huma partijiet essenżjali mid-dinja naturali tagħna li jipprovdu oġġetti u servizzi li jmorru lil hinn mill-produzzjoni tal-ikel u jistgħu jissaħħu permezz tat-trawwim ta' żviluppi ġodda; jinsab konvint li l-innovazzjoni hija prerekwiżit biex jibqa' jsir dan il-progress;
 2. Jinsab konvint bis-saħħa li l-iżvilupp ekonomiku u l-produzzjoni sostenibbli mhum iex reċiprokament esklussivi u jistgħu jintlaħqu prinċipalment permezz tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, mudelli ġodda ta' governanza u negozju u agronomija mtejba; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-innovazzjoni fit-teknoloġija u l-governanza billi tiġi pprovduta regolamentazzjoni koerenti u ċara b'lok għall-intraprenditorija; ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe PAK futura tirrifletti dan u li l-innovazzjoni tiġi esPLIĊITAMENT ikkunsidrata fir-rieżamijiet u r-riformi futuri li jmiss dalwaqt tal-leġiżlazzjoni rilevanti li tagħti aktar rikonossiment lill-bdiewa ġodda u żgħażagħ b'ideat ġodda u b'mudelli ta' negozju ġodda; jenfasizza l-fatt li l-agrikoltura Ewropea qed tilħaq l-għanijiet tagħha fil-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja u b'valur miżjud għoli, permezz ta' soluzzjonijiet li jgħibu profitt u li huma bbażati fuq l-għarfien kif appoġġjat mill-Istrateġija Ewropa 2020; jilqa' f'dan ir-rigward il-valutazzjoni li l-Kummissjoni qed tressaq tal-kontribut tal-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija tal-2012 għall-ekonomija ċirkolari, peress li l-bidla minn fjuwils fossili għal enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija għall-bdiewa u b'hekk tippermetti aktar investimenti fl-innovazzjoni;
 3. Jenfasizza li l-agrikoltura tista' tkun parti mis-soluzzjoni billi tuża r-riżorsi naturali b'mod prudenti u tiżgura l-bijodiversità, fejn l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni hija ċentrali għal dan il-għan; iqis li l-prattiki agrikoli huma dipendenti mir-riżorsi naturali u din l-interazzjoni għandha tiġi ottimizzata u s-sistemi ta' produzzjoni għandhom jiġu mifhuma aħjar biex jittejbu s-sistemi ta' ġestjoni; jitlob li l-produttività, il-fertilità u r-reżiljenza intrinċiċi tal-agroekosistemi tagħna fuq perjodu ta' żmien medju u twil tiġi żgurata u li jsir tnaqqis fl-emissjonijiet; jenfasizza kemm hu importanti li jittejbu s-sistemi tal-produzzjoni permezz ta' uċuħ tar-raba' u sistemi ta' newba adattati aħjar, sistemi ta' ġestjoni mtejba u jinnota l-importanza ta' ħamrija ħajja; jenfasizza l-potenzjal għall-ħolqien ta' impjiegi mhux biss fis-settur tal-produzzjoni tal-ikel iżda wkoll fis-settur tat-turiżmu, dak tal-bijoeconomija u dak tal-kimika ekoloġika;

4. Iqis il-fatt li s-suq tal-UE għall-ikel u l-agrikoltura huwa wieħed mill-aktar swieq integrati fl-Ewropa u jħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq u timplimenta regolamenti li jiżguraw kundizzjonijiet aktar ekwi u kompetizzjoni ġusta sabiex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku fis-settur agrikolu u tal-ikel fl-Istati Membri kollha;
5. Jirrimarka li l-azjendi agrikoli tal-familja żgħar u ta' daqs medju jiffurmaw parti integrali mis-settur agrikolu Ewropew u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' żoni rurali soċjalment u ekonomikament mimlija ħajja li jikkontribwixxu għaż-żamma tal-wirt kulturali u naturali; jirrimarka, barra minn hekk, li dawn l-azjendi agrikoli kultant jesperjenzaw diffikultajiet biex jisfruttaw il-benefiċċji ta' tekniki u prattiki ta' produzzjoni avvanzati li jistgħu jiżguraw dħul ġust għall-bdiewa u jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ġħajxien u tax-xogħol tagħhom u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja; jenfasizza li l-innovazzjoni għandha l-potenzjal li żżid il-produttività u d-dħul tal-ħaddiema u billi tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni u tagħmel in-negożju aktar effiċjenti; jenfasizza li s-sjieda tar-raba' u l-aċċess għaliha huma kruċjali għall-bdiewa u għall-azjendi agrikoli tal-familja; huwa favur li l-biedja ssir impjeg aktar mixtieq għall-irġiel u n-nisa żgħażaġh, inter alia, permezz tat-titjib tal-aċċess għall-finanzjament, għat-teknoloġija u għall-programmi ta' appoġġ; jitlob li jiġu żviluppati ideat ta' negożju ġodda u jistieden lill-Kummissjoni tgħarraf lill-bdiewa b'mod aktar effikaċi dwar l-opportunitajiet tagħhom f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi r-rwol soċjali tal-agrikoltura, il-kontribut tagħha għall-koeżjoni soċjali u l-effett tagħha fuq il-ġlieda kontra d-depopolazzjoni rurali, is-servizzi innovattivi li hija ġġib lill-komunitajiet lokali u r-rwol li hija taqdi fil-preservazzjoni l-ġħarfien tradizzjonali; jenfasizza l-importanza tal-aċċess għal servizzi rurali tal-internet ta' broadband veloċi u affidabbli, u ta' kunċetti innovattivi mfasla apposta għar-reġjuni żvantaġġjati kollha, bħalma huma ż-żoni muntanjużi u periferiċi tal-Unjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex dan tagħmlu prijorità;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq soluzzjonijiet biex tiġi stimolata l-adozzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni bbażati fuq l-ICT, monitoraġġ tad-data f'ħin reali, teknoloġija tas-sensuri u l-użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni għall-ottimizzazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni jew tal-agrikoltura ta' preċiżjoni, li inter alia jaf ifisser li jkollu jsir adattament għall-kundizzjonijiet dejjem jinbidlu f'dak li jikkonċerna l-produzzjoni u s-suq li jwassal għall-użu aktar effiċjenti u ottimu tar-riżorsi naturali, il-monitoraġġ aħjar ta' għadd ta' stadji tal-produzzjoni, żieda fir-rendiment tal-uċuħ tar-raba', tnaqqis tal-impronta ambjentali, tal-konsum tal-enerġija u tal-gassijiet b'effett ta' serra, fehim aħjar dwar l-imġiba tal-annimali u titjib tas-saħħa u l-benessri tal-annimali; jenfasizza, bl-istess mod, li l-użu aktar estensiv tal-ICT huwa kruċjali biex il-biedja ssir aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u s-settur isir aktar kompetittiv; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni ttejjeb l-allinjament tad-diversi politiki kkonċernati sabiex tippromwovi b'mod aktar effettiv is-sistemi tal-ġestjoni tal-ICT;
7. Ifakkar li s-simplifikazzjoni tal-miżuri u aktar iggwidar dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-PAK ikunu jinkoraġġixxu lill-bdiewa jadottaw prattiki tal-biedja iktar sostenibbli;
8. Jinsab konvint li l-informazzjoni miġbura mir-robotika, it-teknoloġija tas-sensuri, il-kontroll awtomatiku u innovazzjonijiet teknoloġiċi oħra fil-kuntest tat-teknoloġiji tal-Internet tal-Oġġetti (IoT) u l-Big Data ser tippermetti l-monitoraġġ f'ħin reali, teħid tad-

deċiżjonijiet aħjar, u ġestjoni mtejba tal-operazzjonijiet tul il-katina alimentari kollha kemm hi; jilqa' l-ħolqien tal-Alleanza għall-Innovazzjoni tal-Internet tal-Oġġetti (AIOTI) (il-Grupp ta' Hídma 06) dwar "il-biedja intelliġenti u s-sikurezza tal-ikel", u f'dan ir-rigward jisħaq fuq l-importanza u r-rilevanza tas-Suq Uniku Diġitali Ewropew għall-agrikoltura f'dawk li huma indirizzar b'mod determinat tal-problemi tal-interoperabilità, standards għal konverġenza aħjar u kwistjonijiet ta' sjieda tad-data personali u mhux personali u l-aċċess u l-użu tagħha;

9. Jinsab imħasseb dwar il-livell baxx ta' għarfien dwar il-potenzjal tal-Big Data u tal-Internet tal-Oġġetti u l-frammentazzjoni tas-sistemi tat-teknoloġija relatati, li jżidu l-ostakli għall-adozzjoni tagħhom u jnaqqsu r-rata tal-użu tagħhom, u jinsab diżappuntat li l-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-GPS miexja bil-mod; jenfasizza l-importanza li dawn it-teknoloġiji jsiru sinifikanti għall-bdiewa; jinnota li fl-UE bħalissa qed jintuża biss 10 % tal-gwida assistita, inqas minn 1 % tal-moviment kinematiku f'ħin reali u inqas minn 1 % tat-tekniki ta' applikazzjoni ta' rata varjabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkwantifika l-benefiċċju ambjentali u tal-produzzjoni u tiżgura trasferimenti tas-sensibilizzazzjoni, tal-għarfien u tat-teknoloġija; jesprimi tħassib li xi Stati Membri qed jirriskjaw li proporzjon tal-ammont tal-pagament dirett fl-2018 minħabba li m'għandhomx reġistru tal-artijiet, u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli għodod intelliġenti mfasla apposta biex iħaffu l-immappjar tal-artijiet agrikoli;
10. Iħeġġeġ l-adozzjoni tal-agrikoltura ta' preċiżjoni li tipprovdi approċċi ġodda ta' ġestjoni tal-azjenda agrikola kollha kemm hi, bħalma hu l-makkinarju mmexxi mit-teknoloġiji tal-GPS/GNSS li, użati flimkien ma' Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS jew drones (inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord)), jistgħu jaħdmu r-raba' bi preċiżjoni sal-eqreb ċentimentru; jaqbel li dawn it-tekniki jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti kemm l-użu tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti kif ukoll l-użu tal-fertilizzanti u tal-ilma, u jiġġieldu lill-erożjoni tal-ħamrija; jistieden lill-Kummissjoni telimina dawk l-elementi kollha li jxekklu l-adozzjoni tal-biedja ta' preċiżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta ma' sistemi tal-ICT kumplessi u frammentati u kwistjonijiet marbuta mal-livelli ta' investiment; jinnota li l-agrikoltura ta' preċiżjoni hija importanti wkoll fit-trobbija tal-annimali bħala mezz ta' sorveljanza tas-saħħa, in-nutrizzjoni u r-rendiment tal-annimali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw lil dawn il-prattiki, b'mod partikolari billi jagħmlu użu mill-opportunitajiet ipprovduti mir-regoli tal-iżvilupp rurali fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013; jistieden lill-Kummissjoni tieġu kont freviżjonijiet futuri tal-PAK, tal-użu li jsir mill-biedja ta' preċiżjoni min-naħa tal-bdiewa fil-kuntest tal-ekoloġizzazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-azjendi agrikoli kollha, inklużi dawk freġjuni remoti u ultraperiferiċi u l-azjendi agrikoli ż-żgħar, u l-oħrajn kollha involuti fl-agrikoltura rurali jkollhom aċċess għal teknoloġiji bi skop multiplu, minħabba l-ħtieġa li jinżammu u jiżdiedu l-livelli tal-okkupazzjoni f'dawk iż-żoni l-iktar vulnerabbli;
11. Jilqa' ż-żieda fl-użu tas-Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod għal skopijiet ta' biedja, peress li dan jista' jwassal għall-iffrankar fl-użu tal-materjali għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba' u fl-użu tal-ilma; jinnota li proposta għal leġiżlazzjoni dalwaqt titressaq fir-reviżjoni tar-regolament bażiku tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), b'tali mod li l-inġenji tal-ajru kollha mingħajr bdot abbord ikunu jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li fl-UE kollha jkun hemm standards u regoli ċari u mhux ambigwi għall-użu ċivili tas-Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru

Ppilotati mill-Bogħod u li l-leġiżlazzjoni li se titressaq dalwaqt tqis il-kundizzjonijiet speċifiċi li taħthom joperaw l-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord fl-agrikoltura;

12. Jenfasizza l-importanza ta' soluzzjonijiet innovattivi u affordabbli ġodda għas-settur agrikolu bil-għan li jiżdied l-użu ta' metodi, oġġetti u riżorsi aktar ekoloġiċi, li jistgħu jinkludu mhux biss metodi ġodda ta' tkabbir u ġestjoni tar-raba' iżda wkoll modi kif jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli u modi kif tiġi eliminata gradwalment il-ħtieġa ta' fjuwils ibbażati fuq il-fossili;
13. Jinkoraġġixxi li fit-trobbija tal-annimali jintużaw soluzzjonijiet innovattivi li jikkontribwixxu għal livell ogħla ta' saħħa u benesseri tal-annimali, li jnaqqsu l-ħtieġa ta' prodotti mediċinali veterinarji, fosthom l-antimikrobiċi; jenfasizza l-possibilitajiet għall-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ħmieġ tal-annimali fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u fertilizzanti mtejba; jirrikonoxxi li fil-limiti ta' proċessi naturali, jistgħu jinstabu soluzzjonijiet innovattivi għall-qbid tal-emissjonijiet, id-diffużjoni tat-tniġġis u ż-żieda tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tas-sistemi ta' akkomodazzjoni tal-annimali filwaqt li jiġi indirizzat l-impatt fuq il-prezz tal-kost; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-metan jista' jinqabad għall-produzzjoni tal-enerġija, ħaġa li tista' tgħin biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima; itenni li l-antimikrobiċi għandhom jiġu applikati b'mod prudenti u responsabbli u li l-katina tal-produzzjoni tista' tittejjeb kollha kemm hi b'għodda dijanjostika iktar effiċjenti u iktar rapida, monitoraġġ f'ħin reali aħjar, miżuri ta' prekawzjoni immirati u modi ġodda ta' ddispensar biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi, filwaqt li jitħalla spazju biżżejjed għal dawk l-Istati Membri li diġà jagħmlu biċċa xogħol aħjar f'dan ir-rigward u jindika l-ħtieġa ta' riċerka dwar mediċini biex dak li jkun ilaħħaq mal-mard li jitfaċċa;
14. Jappoġġja l-metodi estensivi tat-trobbija tal-annimali u jitlob li jiġu żviluppatti teknoloġiji innovattivi għall-valutazzjoni preċiża tal-benefiċċji ambjentali tal-bwar u l-mergħat miżmuma minn dan it-tip ta' biedja u jirrikonoxxi l-benefiċċji tiegħu bħala komplement għall-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba';
15. Jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu importanti li jiġu rkuprati l-proteini tal-annimali fi ħdan iċ-ċiklu tal-produzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tfassal miżuri biex jippromwovu r-riċiklaġġ tal-iskart agrikolu billi jiġi inkoraġġit l-irkupru tal-proteini għall-għalf;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi politiki ta' aċċess għall-art għall-azjendi tal-biedja żgħar u medji u tinkoraġġixxi l-produzzjoni tal-annimali bbażata fil-bwar, l-għalf u l-produzzjoni ta' proteini tal-pjanti, u tippromwovi r-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni sostenibbli tal-proteini tal-pjanti;
17. Jenfasizza l-potenzjal mhux sfruttat tat-teknoloġija u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' oġġetti u prodotti ġodda (relatati mal-ikel u l-għalf, il-makkinarju, il-bijokimika, il-bijokontroll, eċċ.) li jista' jkollhom il-potenzjal li joħolqu impjiegi tul il-katina tal-valur agroalimentari kollha kemm hi; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-fatt li l-innovazzjoni u t-teknoloġizzazzjoni jwasslu għat-telf tal-impjiegi fl-okkupazzjonijiet agrikoli tradizzjonali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu korsijiet ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema fis-setturi agrikoli affettwati; jenfasizza l-ħolqien ta' impjiegi ġodda fis-settur agrikolu, li huwa ta' importanza kruċjali għall-iżvilupp rurali, għar-ripopolament rurali u t-tkabbir ekonomiku rurali, u jqis li bis-saħħa

tal-iżvilupp ta' Prattiki agrikoli moderni l-agrikoltura ssir aktar attraenti kemm għall-bdiewa żgħażaġh kif ukoll għall-impreditturi żgħażaġh; jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-possibilitajiet li tinċentiva lill-bdiewa biex jissensibilizzaw lill-pubbliku dwar kif taħdem il-katina agroalimentari u l-metodi ġodda ta' produzzjoni;

18. Huwa tal-fehma li t-teknoloġiji tal-informatika l-ġodda jipprovdu ħafna opportunitajiet biex jiġu stabbiliti ktajjen ta' valur ġodda, li jistgħu jinkludu kuntatt aktar dirett bejn il-produtturi u l-konsumaturi, b'attenzjoni akbar fuq prodotti innovattivi, servizzi ġodda u aktar divrenzjar tal-produzzjoni, bil-potenzjal li jipprovdu flussi ta' dħul ġodda għall-bdiewa kif ukoll jistabbilixxu suq aktar trasparenti li jkun ta' benefiċċju għall-bdiewa u jwessa' l-potenzjal tagħhom; jirimarka li l-innovazzjonijiet fil-katina tal-provvista alimentari tista' tgħin sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni tar-riskji aktar bilanċjata;
19. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod determinat il-ħela tal-ikel, b'mod partikolari l-ħela tal-ikel sistemika, peress li kull sena 100 miljun tunnellata ta' ikel fl-Ewropa qed tiġi moħlija jew mormija, li tammonta għal madwar 30 % sa 50 % tal-ikel prodott fl-UE; iqis li tinħtieġ ukoll kooperazzjoni akbar fil-katina tal-ikel biex jitnaqqsu l-livelli attwali tal-iskart; jinnota li l-oqfsa regolatorji li żmienhom għadda m'għandhomx jiffurmaw ostakli għall-modi innovattivi tal-ipproċessar tal-iskart tal-ikel u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti innovattivi għandhom jiġu mħeġġa biex jiġu miġġielda l-ħela u t-telfiet tal-ikel inklużi taħt Orizzont 2020;
20. Jenfasizza li għal kull tunnellata ta' skart tal-ikel li tiġi ffrankata, jistgħu jiġu ffrankati madwar 4,2 tunnellati ta' CO₂, u dan ikun iħalli impatt sinifikanti fuq l-ambjent; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' qafas ġuridiku konsistenti mal-prinċipju ta' ekonomija ċirkolari, fejn jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-prodotti sekondarji, l-użu tal-materja prima jiġi ottimizzat, u l-iskart residwu jitnaqqas kemm jista' jkun;
21. Jenfasizza li proporzjon konsiderevoli ta' flussi ta' skart bijotiku diġà jintużaw, pereżempju, bħala għalf għall-animali jew materjal ta' bażi għall-bijokarburanti; iqis, madankollu, li dawn il-materjali għandhom jiġġeneraw rendimenti jerġa' ogħla billi dak li jkun jimmira għall-aktar valur miżjud u permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda bħalma huma l-bijoraffinar, it-trobbija tal-insetti, l-użu mill-ġdid tal-lipidi, l-enżimi u l-proteini tal-animali mir-residwi fl-industrija tal-ikel, il-fermentazzjoni fl-istat solidu, l-estrazzjoni tal-bijogass u l-estrazzjoni tal-minerali mid-demel, u l-użu tad-demel żejjed bħala għajn ta' enerġija rinnovabbli; jinnota n-nuqqas ta' regoli ċari u s-sottoutilizzazzjoni ta' riżorsi oħra derivati mill-bijomassa bħalma huma l-prodotti sekondarji agrikoli u l-flussi tal-iskart agrikolu, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja l-użu mill-ġdid tagħhom fis-settur tal-enerġija u f'postijiet oħra billi jiġu ffaċilitati sistemi ta' rikonossiment fl-UE kollha u miżuri speċjali taħt il-programm għall-iżvilupp rurali li jistgħu jinvolvu lill-bdiewa u lil partijiet ikkonċernati oħra bħalma huma l-awtoritajiet lokali fi proġetti fuq skala żgħira; jinnota li dawn is-sistemi ta' rikonossiment u programmi speċjali ta' żvilupp rurali jistgħu wkoll jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera u jtejbu s-sinerġija u l-koerenza ma' politiki oħra tal-UE;
22. Iqis li l-kwalità mnaqqsa tal-ħamrija qed tikkomprometti l-produzzjoni futura, sitwazzjoni li toħloq il-ħtieġa ta' bidla fil-metodi u s-sistemi tal-biedja, peress li t-tneħħija gradwali tat-trobbija tal-animali kkontribwixxiet għal tnaqqis fil-fertilità tal-ħamrija f'ħafna azjendi tal-biedja minħabba kontenut organiku inadegwat u użu

insuffiċjenti ta' fertilizzanti organiċi; jinsab imħasseb li l-UE tiddipendi ħafna mill-importazzjoni tal-minerali għall-produzzjoni tal-fertilizzanti minerali bħalma hu l-fosfat u li l-produzzjoni tal-fertilizzanti minerali għandha impronta tal-karbonju u ekoloġika għolja; jenfasizza l-possibilità li d-demel tal-annimali jiġi pproċessat f'konċentrat ta' minerali li jkun jista' jintuża għall-manifattura ta' "fertilizzanti ekoloġiċi" li jistgħu jnaqqsu u eventwalment jissostitwixxu l-ħtieġa ta' fertilizzanti minerali, peress li l-livell ta' effiċjenza tiegħu huwa komparabbli mal-livell ta' effiċjenza ta' dawn tal-aħħar; jilqa' l-fatt li l-produzzjoni u l-użu ta' konċentrati tal-minerali jagħtu kontribut sinifikanti għall-ekonomija ċirkolari billi jagħlqu ċ-ċirkwit minerali u ser inaqqsu b'mod konsiderevoli l-ispejjeż tal-fertilizzanti tal-azjendi tal-biedja; jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi r-regolament tal-UE dwar il-fertilizzanti u tneħħi l-ostakli leġiżlattivi fid-direttiva dwar in-nitrati sabiex tippermetti u tistimola l-iżvilupp tal-konċentrat tal-minerali mid-demel tal-annimali;

23. Jinsab imħasseb ukoll dwar id-dipendenza kontinwata tal-UE mill-għalf tal-proteini importat bħalma hu s-soja u jappella għal politika ambizzjuża tal-iżvilupp ta' uċuħ tar-raba' tal-proteini fl-UE;
24. Jirrakkomanda l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni, li jkunu speċifiċi għall-azjendi agrikoli individwali, li jkejlu u jivvalutaw il-bilanċ tan-nutrijenti fil-livell tal-azjendi agrikoli marbuta mal-ktajjen differenti fiċ-ċiklu tal-produzzjoni sabiex ikun jista' jitkejjel l-impatt ambjentali tal-azjendi agrikoli individwali u jiġu kkalkolati l-bilanċi nutrittivi speċifiċi għall-azjendi agrikoli; jinnota li l-użu effiċjenti tal-minerali jwassal għal rendimenti oġhla tal-uċuħ tar-raba' u anqas ħtieġa ta' fertilizzanti, u jikkontribwixxi għal prattiki effiċjenti ta' tmigħ, filwaqt li jippermetti lill-bdiewa jtejbu l-operazzjonijiet tagħhom filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż u jitbiegħdu mill-miżuri ġeneriċi; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja, permezz ta' kofinanzjament minn diversi fondi Ewropej, inkluż Orizzont 2020 u l-FEIS, il-proġetti pilota f'dan il-qasam li huma diġà ppjanati, u tippreżenta studju dwar din il-materja;
25. Jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' tekniki b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' preċiżjoni għolja għall-ħżin, it-trasport u t-tifrix fir-raba' tad-demel li se twassal għal titjib sinifikanti fl-assorbiment mill-pjanti tan-nutrijenti mid-demel, u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa tal-fertilizzanti minerali u jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma;
26. Jirrimarka li t-tekniki ta' applikazzjoni aħjar fuq l-art huma wieħed mill-fatturi ewlenin biex titnaqqas l-emissjoni totali tal-ammonijaka u, konsegwentement, kull pajjiż għandu jiżgura li jintużaw tekniki b'emissjonijiet baxxi għall-applikazzjoni tad-demel likwidu b'tixrid f'medel (bl-użu ta' sistema ta' għodda li tinġibed għat-tifrix tad-demel li tmiss biss kemm kemm l-uċuħ tar-raba' jew sistema ta' manka li tinġibed għat-tifrix tad-demel), b'injezzjoni jew b'aċidifikazzjoni;
27. Jinnota li l-prattiki tal-biedja li huma intelliġenti fil-livell klimatiku jista' jkollhom effett ta' suċċess triplu billi jżidu l-produzzjoni sostenibbli, filwaqt li jiżguraw biedja reżiljenti għat-tibdil fil-klima li tlaħħaq aħjar ma' xejriet tat-temp dejjem jinbidlu u avversi, u jnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur agrikolu billi jħeġġu sistemi produttivi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari; jenfasizza li s-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija huma uniċi f'li attivament jaqdbu s-CO₂ permezz tal-pjanti u tal-forestazzjoni, l-użu tal-kopertura u tal-uċuħ tar-raba' leguminużi, li jillimitaw il-ħdim tal-art u l-kopertura permanenti tal-

ħamrija, meded ta' lqugħ ta' kenn tal-foresti li huma ta' benefiċċju wkoll għall-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba' u għall-kapaċità taż-żamma tal-ilma, u f'li jassorbu l-gassijiet b'effett ta' serra fil-ħamrija (l-assorbiment tal-karbonju f'"bir"); jinnota f'dan ir-rigward il-programm 4/1000 ippreżentat matul il-COP21 u l-possibilità ta' inċentivi finanzjarji; jinkoraġġixxi lill-bdiewa jkomplu u biex jadottaw iżjed minn dawn il-prattiki ġodda u innovattivi;

28. Jenfasizza r-rwol importanti tal-agroforestrija fis-sistemi agrikoli, speċjalment fit-tnaqqis tal-ġhargħar u tal-erożjoni tal-ħamrija u fit-titjib tas-saħħa tal-ħamrija; jitlob li ssir aktar integrazzjoni tal-approċċi innovattivi ibbażati fuq is-siġar fl-attivitajiet agrikoli u li jitneħħew il-piżijiet amministrattivi ħalli jiġu ottimizzati l-ippjanar fil-livell tal-baċiri tal-iskular, il-ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar u l-ġestjoni tal-ilma; jenfasizza l-benefiċċji assoċjati mas-siġar għal sostenibilità akbar u għal produttività akbar tal-biedja, għall-preservazzjoni tal-bijodiversità u għall-iżvilupp ekonomiku lokali u reġjunali; jirrikonoxxi li s-sistemi silvopastorali tradizzjonali huma multifunzjonali u l-użu sostenibbli tal-art għandu jkun protett u kkompensat, filwaqt li l-metodi aktar ġodda tal-inkorporazzjoni tas-siġar fis-sistemi tal-biedja tal-artijiet b'altitudni baxxa bħalma huma t-tkabbir tal-uċuħ bejn ringieli ta' siġar għandhom jiġu kkunsidrati;
29. Iqis li l-kwalità tal-ħamrija hija ta' importanza ekonomika u ekoloġika peress li t-tnaqqis tal-istat ekoloġiku jkun jirriżulta f'ħamrija anqas produttiva, b'disponibilità ta' nutrijenti aktar baxxa, żidiet fis-suxxettibilità tal-pjanti għall-organiżmi ta' ħsara u għall-mard, tnaqqis fil-kapaċità taż-żamma tal-ilma, u tnaqqis fil-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-prattiki innovattivi u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki bħalma huma s-sistemi tan-newba tal-uċuħ tar-raba', il-kopertura permanenti tal-ħamrija, il-ħdim limitat tal-art u l-iffertilizzar bil-legumi ħodor u l-batterji li jżommu n-nitroġenu sabiex tiġi evitata aktar degradazzjoni tal-ħamrija; jirrimarka li, bil-għan li jiġu miġġielda d-deżertifikazzjoni u l-ewtrofikazzjoni, il-bdiewa jiġu mħeġġa jiżviluppaw sistemi ta' irrigazzjoni, inkluż it-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-applikazzjoni ta' tekniki ta' irrigazzjoni ekonomika; jemmen li l-interazzjoni ta' bejn il-mobilizzazzjoni tal-materja organika u l-ħtiġijiet tal-produzzjoni għandha tkun mifhuma aħjar; jilqa' r-riċerka dwar Prattiki innovattivi bħalma hu l-użu ta' interventi mikrobiċi (fertilizzanti batteriċi) u l-istudji tal-interazzjonijiet bejn il-pjanti u l-ħamrija bil-mycorrhiza, bil-batterji tal-PGPR u bil-batterji tal-PGR li jistgħu jnaqqsu l-impatt ambjentali u jnaqqsu l-użu tal-fertilizzanti kimiċi u l-pestiċidi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bnedmin u tal-animali u għall-ambjent; jirrikonoxxi l-importanza ta' użu sostenibbli tal-ħamrija li jqis il-bżonnijiet speċifiċi għas-sit;
30. Jirrikonoxxi li s-sistemi tal-biedja ma jkunux produttivi jekk ikunu mgħargħra bl-ilma jew milquta min-nixfa għall-biċċa l-kbira tas-sena; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-innovazzjoni fil-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-ilma, integrata ma' servizzi ta' konsulenza għall-azjendi tal-biedja u servizzi ta' estensjoni, permezz ta' tekniki u teknoloġija innovattivi biex jitnaqqsu l-prattiki ta' irrigazzjoni ħalja u biex jittaffa l-ġhargħar; jitlob li ssir l-applikazzjoni ta' dawn it-tekniki ġodda mal-karatteristiċi eżistenti u ġodda tal-pajsaġġi bħalma huma l-ġhadajjar, u ma' skemi mmirati biex tiżdied iż-żamma tal-ilma fil-ħamrija u fil-ħabitats assoċjati mal-agrikoltura bħalma huma l-mergħat imxarrba, jiġu protetti ż-żoni tal-infiltrazzjoni mill-ilma ta' taħt l-art, jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-infiltrazzjoni tal-ilma għal ġol-ħamrija u ż-żamma tal-ilma; jilqa' s-sinerġiji fil-livell tal-pajsaġġ mal-ippjanar tal-ġestjoni tal-baċiri

tax-xmajjar; jitlob li jkun hemm adoazzjoni inkoraġġanti tat-tekniki tal-"agrikoltura ta' riġenerazzjoni" biex jiżdied il-fond tas-saff tal-ħamrija tal-wiċċ, jiġi inkoraġġit il-ħolqien tal-ħumus, il-ħamriji li jkunu qed imutu jew li ma jkunux b'saħħithom jiġu mlaqqa bil-kompost bil-għan li jinġiebu lura għall-aħjar funzjonalità, eċċ.;

31. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu żviluppati u implimentati bis-sħiħ sistemi ta' ġestjoni integrata tal-protezzjoni tal-pjanti permezz tal-appoġġ għar-riċerka xjentifika dwar alternattivi mhux kimiċi u miżuri ta' riskju baxx, kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni rilevanti, u pestiċidi li huma aktar ekoloġiċi; iwissi kontra l-użu profilattiku ta' materjal għall-protezzjoni tal-pjanti u jenfasizza f'dan ir-rigward li l-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara għandha tagħmel użu iktar intelliġenti tal-interazzjoni ta' bejn miżuri bijoloġiċi u miżuri kimiċi; jenfasizza li l-innovazzjonijiet fis-sustanzi ta' riskju baxx alternattivi, kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni rilevanti, u l-interventi fiżiċi jistgħu jkomplu jiġu inkoraġġuti aktar flimkien mal-bijostimulazzjoni u l-bijokontroll fil-livell Ewropew; jinsab imħasseb li l-approċċ attwali għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhuwiex tajjeb kemm għandu jkun u li l-leġiżlazzjoni biex jiġi inċentivat l-iżvilupp tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara għadha lura; jistieden lill-Kummissjoni tressaq pjan direzzjonali immirat lejn sistema aktar sostenibbli ta' ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara li tinkludi servizzi ta' konsulenza; jinnota li l-mekkaniżmi ta' kontroll bijoloġiċi relatati mal-organiżmi ta' ħsara u l-mard jistgħu jnaqqsu l-użu tal-pestiċidi u jistgħu jikkontribwixxu għar-reżiljenza mtejba tal-pjanti;
32. Jitlob għall-iżvilupp kontinwu ta' tekniki innovattivi tat-tniissil, filwaqt li xorta waħda madankollu jibqgħu jinżammu l-banek taż-żrieragħ, li hija ħaġa vitali għall-varjetajiet ġodda u diversi li għandhom rendimenti oġhla, valur nutrittiv akbar, reżistenza aħjar għall-mard mill-organiżmi ta' ħsara u għall-kundizzjonijiet tat-temp avversi, u biex tiġi ffaċilitata bijodiversità akbar; jirrimarka li t-tekniki tat-tniissil jistgħu jipprovdu opportunitajiet biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-agrikoltura konvenzjonali; iwissi kontra kull dipendenza minn kimika intrappolata (lock-in) fuq il-varjetajiet aktar ġodda; ma japprovax mill-piżijiet amministrattivi u regolatorji attwali għan-negozji u jħeġġeġ il-programmi tat-tniissil tal-biedja bbażata fil-komunità; jenfasizza li hija meħtieġa l-attenzjoni dovuta fl-approvazzjoni ta' varjetajiet ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' tekniki ġodda li jkunu għaddew minn valutazzjoni tar-riskju xierqa fejn tkun meħtieġa u li jkunu konformi bis-sħiħ mal-prinċipju ta' prekawzjoni, u tiżgura l-aċċess għal materjali bijoloġiċi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fis-settur tat-tniissil, u jistennieha tappoġġja bil-qawwa l-innovazzjoni f'dan ir-rigward; ma japprovax id-deċiżjoni attwali tal-Bord Estiż tal-Appell tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) tal-25 ta' Marzu fil-Kawżi G2/12 u G2/13;
33. Jenfasizza, b'rabta mal-metodi ta' tniissil innovattivi ġodda għall-varjetajiet tal-pjanti u tal-annimali, l-arranġamenti għall-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoloġiċi¹, taħt liema arranġamenti l-varjetajiet ġenerali tal-pjanti u tal-annimali u l-proċessi bijoloġiċi essenzjali għall-produzzjoni tal-pjanti u tal-annimali ma jistgħux jingħataw privattiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivverifika l-interpretazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-deroga, peress li fl-interessi tas-sigurtà tal-ikel, l-aċċess liberu għall-materjal tat-tniissil u l-użu tiegħu għandhom ikomplu jiġu ggarantiti;
34. Jenfasizza l-possibilità li jintużaw strumenti finanzjarji biex ikun jista' jittejjeb id-dħul

¹ Id-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi.

tal-biedja fl-Ewropa; jinnota li ħames Stati Membri biss sfruttaw il-possibilitajiet addizzjonali taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali l-ġdid biex jagħmlu użu mill-istrumenti finanzjarji kompatibbli mas-suq bil-għan li jindirizzaw il-lakuni fis-suq; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-kreditu, peress li n-nuqqas ta' tali aċċess spiss jikkostitwixxi ostaklu għall-innovazzjoni;

35. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u r-rieda tiegħu li jappoġġja l-proġetti agrikoli u l-bdiewa żgħażaġħ billi jipprovdi opportunitajiet ġodda ta' finanzjament għall-Istati Membri li jistabbilixxu forom ta' appoġġ finanzjarju bħalma huma l-fondi ta' garanzija, fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw jew investment kapitali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kreditu għall-bdiewa u għar-raggruppamenti ta' bdiewa bħalma huma l-kooperattivi, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi tal-produtturi u s-sħab tagħhom, bil-ħsieb li tingħata għajna lill-investment fil-modernizzazzjoni fl-azjendi tal-biedja filwaqt li jiġu offruti wkoll opportunitajiet ta' finanzjament biex jingħelbu l-ostakli għall-kreditu, li jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat, u opportunitajiet ta' finanzjament għall-bdiewa żgħażaġħ biex jespandu n-negozju tagħhom, kif ukoll biex jiġi żgurat l-investment fir-riċerka tas-settur pubbliku ikkombinat ma' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat sabiex jiġu ttestjati u varati prodotti innovattivi; itenni li l-Parlament jixtieq jara dan l-appoġġ finanzjarju għaddej u li jitneħħa kull ostaklu fl-aċċess għal dan il-finanzjament;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta fid-dettall liema ħiliet ġodda se jkunu meħtieġa fil-ġestjoni futura tal-azjendi agrikoli Ewropej, u tippromwovi t-tixrid tagħhom b'kull mezz disponibbli;
37. Jagħraf li jeżisti potenzjal kbir għal ġestjoni aħjar tar-riskji u jidhirli li l-għodod attwali għall-ġestjoni tar-riskji u għall-ġestjoni tas-suq huma sottożviluppati, sitwazzjoni li taf tirriżulta fit-telf tal-produttività fil-futur qrib u fit-telf tal-innovazzjoni fil-futur imbiegħed; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga u tirrapporta dwar il-possibilità li tistimola skemi ta' assigurazzjoni privati li jkopru għajnet klimatiċi avversi, mard tal-annimali jew tal-pjanti, infestazzjonijiet minn organiżmi ta' ħsara jew inċidenti ambjentali, kif imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;
38. Jilqa' l-opportunitajiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni AGRI (EIP-AGRI) għar-riċerka applikata fi ħdan is-settur agrikolu u għall-innovazzjoni parteċipattiva li tinvolvi l-komunitajiet tal-prattikanti rurali; jinsab imħasseb dwar il-mod frammentat li bih qed tiġi implimentata l-EIP-AGRI f'livell nazzjonali u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-proċeduri l-aktar sempliċi possibbli għall-parteeċipazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-mekkaniżmi tal-kofinanzjament tal-EIP-AGRI u politiki pubbliċi Ewropej oħra biex tinċentiva aktar riċerka effettiva li tħares aktar lejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħtieġa li jiġu żviluppati Prattiki agronomiċi agroekoloġiċi sostenibbli u li tkun iggwidata mill-ħtiġijiet intraprenditorjali u soċjoekonomiċi, li toħloq gruppi ta' fokus tar-riċerka transfruntiera u possibilitajiet għal parteċipazzjoni akbar tan-negozji; jistieden lill-Kummissjoni tkun involuta b'mod iktar attiv mil-lat li tipprovdi aġenda espliċita tal-innovazzjoni u r-riċerka marbuta mal-programmi ta' Orizzont 2020;
39. Jenfasizza l-importanza li l-konsumaturi jiġu sensibilizzati u informati; jenfasizza li trasparenza ikbar fil-ktajjen tal-provvista u fil-produzzjoni tista' tgħin lill-konsumaturi

jaġhmlu għażliet infurmati aktar dwar il-prodotti li qed jixtru; iqis li dan, imbagħad, jista' jgħin lill-bdiewa jaqilgħu introjti oġġla mill-produzzjoni taġġhom;

40. Iqis li l-iżvilupp ekonomiku u s-sostenibilità ekoloġika jikkomplementaw lil xulxin, dment li jkun għad fadal biżżejjed lok għall-innovazzjoni u l-intraprenditorija u dment li tittieħed azzjoni biex jiġi pprevenut li jitfaċċaw xi differenzi mhux ġustifikati fl-implimentazzjoni nazzjonali u biex b'mod retrospettiv tali differenzi jitneħħew, bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini fl-Unjoni, inter alia, billi jiġu esplorati tekniki ġodda u rilevanti bħalma hu l-ksib ta' immaġnijiet bis-satellita; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ġenwinament ekwi għas-settur agrikolu filwaqt li fl-istess ħin tiżgura li l-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti, bħal ma huma d-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar il-Ħabitats, tiġi rispettata bis-sħiħ fid-diversi Stati Membri u l-implimentazzjoni b'disparità, kontradittorja u subottimali taġġha titwaqqaf milli tkompli;
41. Jinsab imħasseb li, skont ir-rieżami ta' nofs it-term tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020, ma sar l-ebda progress ġenerali sinifikanti fil-kontribuzzjoni tal-agrikoltura għaż-żamma u t-titjib tal-bijodiversità;
42. Jišhaq li l-PAK għandha tkun iffokata aktar fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-kundizzjonijiet lokali filwaqt li ma tikkompromettix l-għanijiet tal-politiki; jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas leġiżlattiv aktar sempliċi u aktar flessibbli li jkun aktar orjentat lejn il-kundizzjonijiet nazzjonali u lokali u adattat aħjar biex iwettaq sinerġiji ma' setturi oħra billi jtejjeb u jippromwovi l-konverġenza tal-għarfien, l-integrazzjoni tal-użu tar-riżorsi u li jkun allinjat aħjar mal-ekonomija ċirkolari bil-għan li tittejjeb il-viżibilità tas-sistemi eżistenti għal tikkettar promozzjonali speċifiku u jiġu mħeġġa innovazzjonijiet ġodda fil-promozzjoni tad-diversità tal-prodotti agrikoli Ewropej; jenfasizza, barra minn hekk, li PAK kompetittiva u sostenibbli tiżgura li tiżdied l-adozzjoni ta' prattiki innovattivi u tiżgura wkoll il-vijabilità fit-tul tas-settur agrikolu Ewropew permezz tas-simplifikar tal-intervent tal-gvern u l-istimular tal-innovazzjonijiet tas-settur pubbliku u dak privat li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku tal-Ewropa, b'mod partikolari fiż-żoni rurali;
43. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull sentejn tirrapporta dwar l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni u miżuri oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-innovazzjoni agrikola fuq l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-prodotti agrikoli u dwar il-prospettivi finanzjarji u ekonomiċi assoċjati tal-azjendi agrikoli tal-familja fl-Unjoni;
44. Iqis li l-innovazzjoni hija għodda essenzjali u prijorità politika orizzontali ewlenija għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni u l-ilħuq tal-oġġettivi tar-riforma tal-PAK 2014-2020; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tipprovdi strateġija globali aktar ambizzjuża b'riżultati li jistgħu jitkejlu sabiex ir-riċerka u l-innovazzjoni jiġu allinjati u ċċentrati skont il-prijoritajiet politiċi; jišhaq li l-PAK għandha tipprovdi aktar flessibilità għall-użu ta' tekniki u prattiki li għadhom kemm ġew żviluppati mingħajr ma sseħħ żieda fil-piż amministrattiv; jemmen li prijorità orizzontali għall-qafas leġiżlattiv Ewropew għandha tkun li tiġi żgurata biżżejjed libertà għall-programmi pilota u għall-ittejtjar għat-tekniki innovattivi, filwaqt li jiġi osservat il-prinċipju ta' prekawzjoni;
45. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura wkoll li foqsa oħra ta' regolament immirati lejn il-ħolqien ta' suq intern integrat u li jiffunzjona aħjar, ir-regolamenti u l-politiki jirsistu biex itejbu l-kompetizzjoni ġusta;

46. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Mind u bdieta teżisti l-agrikoltura, il-prattiki agrikoli baqgħu dejjem jinbidlu. Il-bidliet li seħħew kienu jew ta' karattru strutturali jew marbuta mal-proċess ta' produzzjoni. Bis-saħħa ta' dawn it-tidliet, is-settur agrikolu sar wieħed mill-aktar setturi ekonomiċi dinamiċi, u l-prattiki agrikoli kontemporanji huma tal-ogħla livell. Il-fatt li jinsab fuq quddiem nett fl-użu tat-teknoloġiji ġodda jiżgura ekonomija rurali b'saħħitha u jipprovdi garanzija li jinżamm il-pass ma' żvilupp ekonomiku usa'. L-użu aħjar tas-setgħa innovattiva jiżgura li l-agrikoltura tista' tkun parti minn haqna soluzzjonijiet.

Sal-2050, il-popolazzjoni tad-dinja se tkun kibret għal aktar minn 9 biljun ruħ. Fl-istess ħin, il-preferenzi tad-dieta jinbidlu malajr, b'aktar konsumaturi jeżiġu proteini tal-annimali bħalma huma l-prodotti tal-ħalib u l-laħam. Dan jirrikjedi li nnaqqsu l-impronta ekoloġika tal-produzzjoni agrikola biex tittaffa l-pressjoni minn fuq l-ambjent u r-raba'. Il-potenzjal tal-innovazzjoni fl-agrikoltura ma ġiex rikonoxxut għalkollox u l-qafas regolatorju Ewropew lanqas ma huwa adattat biex ilaħħaq mal-progressi mgħaġġla. L-isfidi ewlenin għandhom jiġu indirizzati sabiex l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fil-qasam tal-agrikoltura jiġu aċċelerati u stimolati.

Il-politika agrikola komuni għandha tiffoka aktar fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa mingħajr ma tikkomprometti l-għanijiet tal-politika, jiġifieri tħalli biżżejjed flessibilità biex jissaħħu l-innovazzjoni u l-kompetittività. L-innovazzjonijiet fit-teknoloġija jistgħu jgħinuna nitbiegħdu minn miżuri ġeneriċi u jikkontribwixxu għal interventi mmirati. L-użu tal-biedja ta' preċiżjoni u tal-Big Data se jitransforma l-agrikoltura u jikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' aktar kilogrammi tal-prodott b'anqas użu ta' riżorsi u aktar interventi mmirati għall-ġlieda kontra l-mard jew l-organiżmi ta' ħsara.

Aktar għarfien u sensibilizzazzjoni dwar l-ekosistemi marbuta mal-proċess ta' produzzjoni tal-bidwi se jsaħħu l-iżviluppi bħalma huma l-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara li tagħmel użu aktar intelliġenti mill-interazzjoni ta' bejn miżuri kimiċi u dawk bijoloġiċi. L-inċentivi mmirati fil-proċess ta' produzzjoni u l-investimenti huma essenzjali. Mill-banda l-oħra, il-leġislazzjoni li żmienha għadda għandha tiġi aġġornata biex takkomoda soluzzjonijiet ġodda, eż. is-sostituzzjoni ta' fertilizzanti artifiċjali b'fertilizzant magħmul mid-demel tal-annimali. Is-settur agrikolu spiss iħabbat wiċċu ma' miżuri konfliġġenti u kontradittorji li jbiegħdu lill-bdiewa milli jiproduċu b'mod aktar effiċjenti.

Huwa meħtieġ allinjament aħjar ma' setturi industrijali oħra, bħal pereżempju s-setturi tas-sustanzi kimiċi, is-saħħa u t-teknoloġija, u dan billi tittiejeb il-konverġenza tal-għarfien, jiġi integrat l-użu tar-riżorsi, u jkun hemm fehim aħjar tal-effetti reċiproċi bil-għan li tiġi ottimizzata l-interazzjoni tagħhom u l-agrikoltura tiġi integrata aħjar fi ħdan l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, permezz tal-integrazzjoni tal-innovazzjonijiet fit-teknoloġiji u t-tekniki, jistgħu jinħolqu impjiegi ġodda tul il-katina tal-valur agroalimentari kollha kemm hi u jistgħu jiġu żgurati flussi ġodda ta' dħul, pereżempju billi jinholq kuntatt aktar dirett bejn il-konsumatur u l-bidwi jew issir il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi aktar diversifikati.

Is-settur agrikolu Ewropew huwa ta' importanza kruċjali għall-Unjoni b'mod ġenerali peress li jiggarrantixxi l-ikel filwaqt li jikkostitwixxi pilastru ekonomiku ewlieni li jipprovdi impjiegi għal 25 miljun ruħ li huma direttament involuti fil-ħidma agrikola li magħhom jiżdiedu n-nies

li jaħdmu fl-industrija tal-ikel, il-bejgħ bl-imnut u setturi oħra komplementari. Illum il-
ġurnata, l-agrikoltura tal-UE għadha tistabbilixxi l-istandard għal prattiki agrikoli ta' kwalità
għolja fid-dinja kollha li jippermettulha tipproduċi prodotti b'valur miżjud u fl-istess ħin
tipprovdi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien biex titma' popolazzjoni dinjija dejjem akbar u
dejjem aktar eżiġenti. L-agrikoltura tal-UE se tibqa' rilevanti għal ħafna snin fil-ġejjieni, u dan
billi tħaddan, aktar milli tirrifjuta, soluzzjonijiet ġodda għall-eqdem u l-aktar bżonn bażiku
tal-bniedem, dak li jiżgura l-provvista tal-ikel.

22.12.2015

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar it-tiŝiħ tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni futura tal-farms Ewropej (2015/2227(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Damiano Zoffoli

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-popolazzjoni dinjija qed tikber u hija stmata li tilħaq 9.6 biljun persuna sal-2050, u dan iqiegħed pressjoni dejjem ikbar fuq il-provvista tal-ikel u r-riżorsi naturali; jinnota li dan jista' jkollu riperkussjonijiet għall-bdiewa Ewropej;
2. Ifakkar li l-erja agrikola utilizzata fid-dinja issa tammonta għal anqas minn 2000 m² għal kull persuna u li dik l-erja jeħtieġ tipproduċi biżżejjed ikel ta' kwalità suffiċjenti biex titma' lill-abitanti kollha tad-dinja tul is-sena kollha;
3. Jirrikonoxxi li l-isfida ewlenija se tkun li jiġi żgurat l-aċċess għall-ikel, u għal provvista adegwata ta' ikel sikur u ta' kwalità tajba għaċ-ċittadini kollha tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin titnaqqas il-pessjoni fuq ir-riżorsi naturali, biex b'hekk jiġu ppreservati l-ambjent u r-riżorsi prezżjużi għall-ġenerazzjonijiet futuri; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-potenzjal u l-importanza tal-innovazzjoni fil-ġestjoni tal-farms; jenfasizza l-importanza tal-Karta ta' Milan u l-ħtieġa ta' qafas ta' politika abilitanti tal-UE sabiex tiġi indirizzata din l-isfida; jenfasizza wkoll li l-ġestjoni sostenibbli tal-farms tista' tkun sies sod għall-vijabbiltà ekonomika;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-ħela tal-ikel, u b'mod partikolari l-ħela tal-ikel sistemika peress li kull sena jinħlew jew jintilfu 1.3 biljun tunnellata ta' ikel; iqis li, sabiex jitnaqqas l-iskart attwali, hemm bżonn ta' kooperazzjoni ikbar bejn il-bdiewa, il-produtturi u d-distributuri; ihegġegħ lill-Istati Membri jsibu metodi innovattivi biex jindirizzaw il-ħela tal-ikel, bħat-tqassim ta' ikel mhux mibjugħ lil organizzazzjonijiet tal-karità jekk dan ikun għadu tajjeb għall-konsum jew, jekk le, l-użu mill-ġdid tiegħu fiċ-ċiklu tan-nutrijenti

permezz tal-ikkompostjar; jinnota l-ħtieġa li jiġu promossi programmi edukattivi dwar l-ikel fil-kuntest tal-familja u f'dak skolastiku, sabiex titħeġġeġ dieta xierqa mit-tfulija;

5. Jenfasizza li għal kull tunnellata ta' ħela tal-ikel li tiġi ffrankata, jista' jkun hemm tnaqqis ta' madwar 4.2 tunnellati ta' CO₂ fl-atmosfera, u dan iħalli impatt sinifikanti fuq l-ambjent; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' qafas legali konsistenti mal-prinċipju ta' ekonomija ċirkolari, fejn jiġu stabbiliti regoli ċari dwar prodotti sekondarji, l-użu tal-materja prima jiġi ottimizzat, u l-iskart residwu jitnaqqas kemm jista' jkun;
6. Jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-innovazzjoni fl-appoġġ għall-bdiewa fit-tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli iktar sostenibbli, bl-għan li jiġi żgurat id-dritt għal ikel ta' kwalità u sikur u tiżdied l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni u distribuzzjoni filwaqt li jiġu żgurati dħul deċenti għall-bdiewa kollha, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u s-saħħa u l-benessri tal-annimali, u t-tnaqqis tat-tniġġis u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, biex b'hekk jiġu mmitigati l-effetti tat-tibdil fil-klima;
7. Jinsisti li l-prattiki tajba fil-ġestjoni tal-farms għandhom itemmu t-telf tal-bijodiversità b'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 u jiżguraw il-protezzjoni tal-arja, l-ilma u l-kwalità tal-ħamrija sabiex tiġi garantita l-produttività u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu fil-futur; iqis li l-istess oġettiv għandu jinkiseb ukoll permezz ta' produzzjoni ta' għelejjel mingħajr OĠM u produzzjoni tal-bhejjem mingħajr klonazzjoni;
8. Jinnota li l-farms ta' suċċess jiddependu fuq il-kwalità tal-ħamrija u l-ilma u l-bijodiversità u li l-ġestjoni tajba tar-riżorsi naturali qiegħda f'idejn il-bdiewa; jenfasizza l-benefiċċji li jistgħu jgħibu f'dan ir-rigward l-inċentivi t-tajba u l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-ġestjoni sostenibbli tal-farms; jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-biedja organika u bijodinamika fil-preservazzjoni tar-riżorsi naturali, il-prevenzjoni tat-tniġġis ambjentali u l-preservazzjoni diretta u indiretta tal-bijodiversità;
9. Ifakkar li permezz ta' inċentivi ekonomiċi xierqa, id-distribuzzjoni iktar ġusta tad-dħul fil-katina tal-provvista tal-ikel u kundizzjonijiet ta' swieq trasparenti inkluż it-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini, il-bdiewa jingħataw l-opportunità li jindirizzaw it-tibdil fil-klima b'mod aktar effikaċi u li jiżguraw ir-reżiljenza tal-ekosistemi permezz tal-użu ta' metodi agrikoli li jirrispettaw l-ambjent u prattiki ekoloġiċi, inklużi miżuri bħad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali, l-ekosistemi u l-ispeċi u l-varjetajiet lokali, u l-biedja organika, biex b'hekk ikomplu jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u l-promozzjoni tal-bijodiversità;
10. Jenfasizza l-importanza tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur; jenfasizza li trasparenza ikbar fil-ktajjen tal-provvista u fil-produzzjoni tista' tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati aħjar dwar il-prodotti li qed jixtru; iqis li dan, imbagħad, jista' jgħin lill-bdiewa jiksibu dħul ogħla mill-produzzjoni tagħhom;
11. Ifakkar li s-simplifikazzjoni tal-miżuri u aktar gwida dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), jinkoraġġixxu lill-bdiewa sabiex jadottaw prattiki ta' biedja iktar sostenibbli;
12. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-farms tal-familji fil-ħajja rurali, fil-produzzjoni tal-ikel u fil-preservazzjoni tal-kultura u t-tradizzjoni tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom; jitlob għalhekk it-tixrid ta' kunċetti innovattivi fl-agrikoltura bbażati fuq il-produzzjoni

sostenibbli ta' ikel ta' kwalità għolja;

13. Huwa mħasseb li r-rieżami ta' nofs it-terminu dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 enfasizza li ma kien hemm l-ebda progress ġenerali sinifikanti fil-kontribuzzjoni tal-agrikoltura għaż-żamma u t-tiżni tal-bijodiversità, u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iqisu dan waqt ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-PAK, u lill-Istati Membri biex jipromwovu politiki innovattivi;
14. Jenfasizza l-ħtieġa tal-integrazzjoni tal-produzzjoni u l-ipproċessar permezz tal-promozzjoni ta' gruppi ta' produttori u l-inkoraġġiment ta' ktajjen tal-provvista qosra li jistgħu jgħinu fit-tnaqqis tal-marka tal-karbonju tal-katina tal-provvista tal-ikel filwaqt li jiġu pprovduti prodotti lokali, iktar friski u iktar bnini għall-konsumaturi;
15. Jenfasizza li l-għaqda bejn il-bdiewa u l-konsumaturi permezz ta' netwerks lokali tal-ikel, li ħafna drabi jkunu kkaratterizzati minn kuntatt personali u dirett bejn il-produttur u l-konsumatur, toffri valuri bħal ikel frisk u prodott lokalment b'inqas impatt fuq l-ambjent, u tirrappreżenta opportunità biex jiżdied id-dħul tal-bdiewa; jinnota r-rwol pożittiv tal-katina tal-provvista qasira, li tkopri medda ta' bejgħ dirett (minn bejgħ fuq il-farm, fis-swieq tal-bdiewa, jew permezz tal-internet);
16. Jemmen li r-riċerka u l-innovazzjoni fl-agroekoloġija huma fatturi ewlenin fl-appoġġ tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tas-settur agroalimentari li, imbagħad, jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi għall-bdiewa u l-komunitajiet lokali bil-ħolqien ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar, u dan jgħin ukoll sabiex jiġu attirati ż-żgħażaġħ lejn is-settur tal-biedja; Jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti tal-universitajiet u l-kulleġġi agrikoli fl-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet għal ġenerazzjoni ġdida ta' bdiewa;
17. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-inkoraġġiment tal-bdiewa żgħażaġħ jista' jgħin biex jiġu rrimedjati l-problemi tal-abbandun tal-art u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali, u b'hekk jiġi llimitat ir-riskju ta' instabbiltà idroġeoloġika; jenfasizza li t-trażżin tat-tendenza favur l-abbandun tal-art jillimita wkoll il-fenomeni tal-ħtif tal-art;
18. Jikkunsidra li t-titjib tal-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni tal-farms irid ikun jista' jinkiseb mill-bdiewa b'azjendi kbar, medji u żgħar; jemmen li għandhom jiġu ffaċilitati rabtiet aħjar bejn is-settur agrikolu u r-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiġu kondiviżi u implimentati l-metodi tal-aħjar prattika fil-post;
19. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu aktar fir-riċerka u l-innovazzjoni u biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jikkontribwixxu għall-ġestjoni sostenibbli u ekonomikament vijabbli tal-farms, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ppreservati l-għarfien tradizzjonali u l-prattiki agrikoli tal-bdiewa u ta' dawk li jrabbu l-animali;
20. Iqis li dawn l-investimenti għandu jkollhom l-għan li jsaħħu r-rabtiet li hemm bejn ir-riċerka, l-industrija u l-farms, speċjalment dawk żgħar u medji, billi jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattika u t-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka lil tali farms li, minkejja li huma aktar numerużi madwar l-UE, ta' sikwit ikunu esklużi miċ-ċirkwiti tal-innovazzjoni; jenfasizza li dawn il-programmi għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw teknoloġiji ġodda, inkluża l-biedja ta' preċiżjoni, u tekniki ta' kultivazzjoni li jkunu innovattivi u sostenibbli li jistgħu jnaqqsu l-użu ta' sustanzi kimiċi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u tal-animali u għall-ambjent;

21. Jenfasizza s-sinifikat tat-titjib tan-netwerks tal-broadband fiż-żoni rurali bħala fattur kontributorju għat-titjib tal-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni tal-farms, b'mod partikolari għall-bdiewa żgħar u medji;
22. Jenfasizza l-importanza li jiġu applikati Prattiki sostenibbli ta' biedja u ta' ġestjoni tal-ilma biex ikun hemm adattament għat-tibdil fil-klima u għall-mitigazzjoni tiegħu;
23. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tiżviluppa u tesplora strateġiji integrati biex jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-benessri tal-annimali;
24. Jenfasizza li permezz tat-trobbija tal-bhejjem fil-mergħat, il-bdiewa jagħtu lok li l-annimali tagħhom jiċċaqalqu liberament, jinvolvu ruħhom f'imġiba istintiva, jikkunsmaw dieta naturali, u jevitaw l-istress u l-mard assoċjati mal-għeluq;
25. Ihegġegħ lill-Unjoni Ewropea biex tinvesti iktar fondi pubbliċi fis-settur strateġiku tal-biedja organika sabiex jiġu żviluppata tekniki ta' biedja li jżidu l-attività tal-mikrobi tal-ħamrija u l-bijodiversità, inkluż l-użu ta' tekniki tal-ikkompostjar u t-tħawwil ta' ghelejje li jmorru tajjeb flimkien, u ghelejje ta' kopertura, u biex tinkoraġġixxi x-xiri u l-użu kollettiv ta' makkinarju u l-iżvilupp ta' magni adattati għall-ħtiġijiet tal-biedja organika, l-għażla ta' varjetajiet robusti adatti għall-ambjent lokali, l-identifikazzjoni ta' sorsi ġodda jew fertilizzanti organiċi u soluzzjonijiet naturali għall-protezzjoni tal-pjanti mill-insetti;
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu fit-titjib tal-varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti endemiċi li jistgħu jkunu adattati bħala għalf tal-annimali sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-għalf tal-annimali li ħafna drabi jiġi prodott minn pjanti modifikati ġenetikament.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	22.12.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 59 -: 7 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Catherine Bearder, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Cristian-Silviu Buşoi, Soledad Cabezón Ruiz, Alberto Cirio, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Stefan Eck, Bas Eickhout, Eleonora Evi, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Sylvie Goddyn, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Jean-François Jalkh, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Michèle Rivasi, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Dubravka Šuica, Tibor Szanyi, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nikos Androulakis, Nicola Caputo, Mark Demesmaeker, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Elena Gentile, Martin Häusling, Jan Huitema, Merja Kyllönen, Mairead McGuinness, Ulrike Müller, James Nicholson, Alojz Peterle, Christel Schaldemose, Jasenko Selimovic, Keith Taylor
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lucy Anderson, Beatriz Becerra Basterrechea, Michał Boni, Neena Gill, Monika Hohlmeier, Sander Loones, Helga Stevens

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	21.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 -: 7 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Eugenia Aguilera García, Richard Ashworth, Paul Brannen, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Nuno Melo, Ulrike Müller, James Nicholson, Marijana Petir, Bronis Ropé, Jordi Sebastià, Jasenko Selimovic, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski

Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bas Belder, Franc Bogovič, Rosa D'Amato, Ivan Jakovčić, Karin Kadenbach, Annie Schreijer-Pierik, Ricardo Serrão Santos, Estefanía Torres Martínez, Vladimir Urutchev, Ramón Luis Valcárcel Siso
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Keith Taylor